**4 ta' Mejju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Chircop pr. et ne.

*versus*

Mary Debono et.

**Bejgħ — Refrigerator — Komunjoni tal-Akkisti — Mara — Liberazzjoni "ab observantia".**

*Kull dejn li tagħmel il-mara miżżewġa bil-kunsens tar-raġel jaqa' fuq il-komunjoni tal-akkwisti, li tagħha, matul iż-żwieġ, hu, quddiem it-terzi, kap u padrun ir-raġel; jekk mbagħad il-mara tkun ikkuntrattat bħala mandatarja ta' żewġha, hija tobliga lilu, u mhux lilha nnifisha.*

*Għaldaqstant, għall-ħlas ta' djun minn din ix-xorta hu responsabbli r-raġel, u l-azzjoni għall-ħlas tal-istess djun għandha tiġi proposta kontra tiegħu biss; il-mara ma tistgħax tiġi mħarrka wkoll għal dak il-ħlas, u jekk tiġi hekk imħarrka għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. U jekk ir-raġel imut wara li tkun saret iċ-ċitazzjoni kontra tiegħu, il-kawża titkompla kontra l-eredità tiegħu. L-uniku debitur huwa r-raġel; u bħala l-uniku debitur, huwa l-uniku kontradittur leġittimu tat-talba għal dak il-ħlas.*

*Id-djun tal-komunjoni tal-akkwisti mhumiex djun tal-mara. Fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni, ċertament, ikun hemm lok għall-aġġustament tar-rapporti nterni, iżda quddiem il-kredituri tal-wirt ir-raġel hu debitur tal-intier*

*Min jixtri refrigerator ġdid li jirriżulta difettus fista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ u r-radd lura tal-prezz imħallas, u mhux obligat legalment li jieħu dak ir-refrigerator imsewwi jew jaċċetta ieħor ġdid f'loku, ankorkè tal-istess marka.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, fil-kwalitajiet tiegħu fuq imsemmijin, wara li ppremetta illi hu biegħ lill-konvenuti refrigerator tal-marka "S.G.D. Mountain" bil-prezz ta' £75, li kellhom jitħallsu £1 depożitu mal-ordni u l-bilanċ ta' £74 b'rati ta' £4 fix-xahar; u illi l-konvenuti ma onorawx il-ftehim tagħhom u ma għamlu ebda pagament wara d-depożitu, u mingħajr raġuni valida ddepożitaw l-istess refrigerator taħt l-awtorità tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, u għalhekk il-prezz kollu sar eżiġibbli; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jħallsu s-somma ta' £74, bilanċ mill-prezz tal-imsemmi refrigerator lilhom mibjugħ u konsenjat. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Frar 1962, li biha ddeċidiet il-kawża billi lliberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu l-azzjoni tinsab anki dedotta kontra tagħha personalment; iddikjarat validu u legali d-depożitu tar-refrigerator, magħmul minn Joseph Debono fiż-17 ta' Awissu 1961; u rrespinġiet id-domanda tal-attur in kwantu l-istess tinsab dedotta kontra l-konvenuta nomine; l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-attur; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur biegħ lill-konvenuta, meta kien għadu ħaj żewġha, ir-refrigerator indikat fiċ-ċitazzjoni bil-prezz ta' £75, li kellu jitħallas kwantu għal £1 bħala depożitu mal-ordni, u kwantu għall-kumplament £4 fix-xahar. Meta rċeviet ir-refrigerator u wżatu, il-konvenuta osservat li ma kienx jaħdem sewwa, u għalhekk hi marret tirriferixxi din iċ-ċirkustanza lill-attur. Għall-ewwel dan ma ta ebda konsiderazzjoni ta' dak li qaltlu l-konvenuta, għaliex ma emminhiex; imma in segwitu mar jeżamina r-refrigerator, u qal lill-konvenuta kif kellha tħaddmu biex ikun jista' jaħdmilha sewwa. Billi r-refrigerator baqa' ma jiffunzjonax tajjeb, fuq insistenza tal-konvenuta l-attur bagħat lil Salvino Attard, l-espert tiegħu, biex jeżamina r-refri-

gerator. L-espert imsemmi mar jeżaminah darbtejn, u t-tieni darba osserva li r-refrigerator kellu difett;

Illi, skond ma tgħid il-konvenuta, meta ġie konstatat id-difett hi talbet lill-attur biex ir-refrigerator jibdilulha, imma hu ma aċċettax, u li fl-aħħar ftehmu li l-attur kellu jibgħat jieħu lura r-refrigerator . . . . . . Billi wara dak il-ftehim għaddiet xi ġimgħa u l-attur ma marx jirtira r-refriġerator, l-istess ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti minn żewġha Joseph Debono, il-lum mejjet;

Illi skond ma jgħid l-attur, għall-ewwel hu kien ried biss li r-refriġerator jirriparah, mbagħad offra lill-konvenuta li jibdilulha ma' ieħor bħalu, imma l-konvenuta ma riedetx wieħed tal-istess marka, u għalhekk hu rtira dik l-offerta . . . . . ;

Illi l-bażi tal-pretensjoni tal-attur hija li l-konvenuti, mingħajr raġuni valida, iddepożitaw ir-refrigerator taħt l-awtorità tal-Qorti, ċjoè li l-konvenuti ma kellhomx raġuni ġusta biex jgħaddu għal dak id-depożitu. Din il-pretensjoni tal-attur mhix sostenibbli. Jirriżulta li r-refriġerator kellu difett . . . . .;

Illi rigward il-preġudizzjali sollevata mill-konvenuta, l-istess hija ġustifikata. Id-debitu pretiż mill-attur jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn il-konvenuta u żewġha, għaliex l-operazzjoni saret meta Joseph Debono kien għadu ħaj, u kwindi azzjonabbli għall-istess debitu huwa r-raġel bħala kap tal-komunjoni. L-azzjoni ġiet dedotta meta Joseph Debono kien għadu ħaj, u kwindi kien hu biss, waħdu, li kellu jiġi azzjonat għall-istess debitu. Anki kieku l-azzjoni ġiet dedotta wara l-mewt ta' Joseph Debono, kien dan, ċjoè l-eredità tiegħu, li kellu jiġi azzjonat għall-intier tad-debitu, darba li dan id-debitu ġie kuntrattat fil-kors taż-żwieġ; għaliex ir-raġel jibqa' azzjonabbli għall-intier tad-debiti kontratti fil-kors taż-żwieġ anki wara x-xoljiment tal-komunjoni (Vol. XXIX-II-690). L-attur ma jistgħax jgħid li n-negozju sar mal-konvenuta, u kwindi seta' ta' l-każ li Joseph Debono jiddiskonoxxieh, jew jgħid li sar mingħajr il-kunsens tiegħu; għaliex, apparti kull raġuni oħra, l-istess attur fid-dikjarazzjoni an-

nessa maċ-ċitazzjoni jirrikonoxxi li Joseph Debono ma kienx jista' jiddiskonoxxi dak in-negozju, għaliex ġie minnu ratifikat bid-depożitu tar-refriġerator magħmul minnu. Divers kien ikun il-każ kieku kien jittratta minn pretensjoni ta' kreditu ta' mara derivanti lilha minn xogħol li tkun għamlet fil-kors taż-żwieġ; għaliex f'dan il-każ l-azzjoni għar-riskossjoni tal-kreditu kienet tkun tista' tiġi ntentata oltre mir-raġel bħala kap tal-komunjoni talakkwisti, anki mill-mara assistita minn żewġha bħala leġittima kontendenti tal-pretensjonijiet li hi tkun qegħdha ġġib il-quddiem (Vol. XXXI-I-266). Kwindi hemm lok li l-konvenuta tiġi liberata "ab observantia";

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, u t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kwistjonijiet f'dan l-appell huma tnejn: l-ewwel waħda, dik proċedurali, jekk l-appellata f'isimha propriju setgħetx tiġi konvenuta nkella mesiex l-azzjoni saret biss kontra r-raġel; it-tieni kwistjoni hi dik tal-meritu;

Fuq l-ewwel kwistjoni;

Is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellata mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu l-azzjoni ġiet anki dedotta kontra tagħha personalment; u din il-Qorti taqbel ma' dik il-konklużjoni;

Għax-xiri tar-refrigerator in kwistjoni dehret l-appellata; iżda sa minn qabel ma ppreżenta ċ-ċitazzjoni l-appellant kien jaf illi żewġha kien akkonsenta għal dak ix-xiri; tant hu hekk illi fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni l-appellant stqarr illi Joseph Debono kien irratifika l-aġir ta' martu kif kien jidher miċ-ċedola tad-depożitu li biha dak ir-refriġerator kien ġie mill-istess Joseph Debono depożitat il-Qorti. Infatti, minn dik iċ-ċedola jidher

illi r-raġel kien assuma x-xiri magħmul minn martu bħal li kieku r-refriġerator kien xtrah hu stess. L-ewwel kliem taċ-ċedola hu:— "Illi l-esponent (ċjoè Joseph Debono) kien xtara minn għand l-intimat nomine refriġerator . . ." Ma hemmx bżonn jingħad illi ratifika simili tirretroaġixxi għall-ġurnata tax-xiri;

Issa, b'liġi espressa, kull dejn li tagħmel mara miżżewġa bil-kunsens tar-raġel jaqa' fuq il-komunjoni, li tagħha matul iż-żwieġ hu, quddiem it-terzi, kap u padrun ir-raġel. Anzi fil-każ preżenti hemm aktar minn daqshekk. Hawn verament non si tratta ta' dejn kontratt mill-mara merament bil-kunsens ta' żewġha, iżda si tratta ta' dejn kontratt mir-raġel stess, fis-sens illi l-mara ma dehretx ħlief bħala mandatarja ta' żewġha, u obligat mhux lilha nnfisha, iżda lilu. Ċertament, dan mhux każ fejn tapplika l-preżunzjoni tal-art. 1015 tal-Kodiċi Ċivili. B'dan kollu, l-oġġett mixtri kien manifestament oġġett tal-użu tad-dar, u, kif intqal, ir-raġel espressament irrikonoxxa, a konoxxenza tal-appellant qabel il-kawża, illi x-xiri kien sar għalieh, kien għamlu hu. Dan il-fatt għandu l-importanza tiegħu kif ser jingħad;

Meta ċ-ċitazzjoni ġiet preżentata, ir-raġel tal-appellata kien għadu ħaj, u l-komunjoni kienet għadha sussistenti. Huwa ċar illi dak iż-żmien l-appellata ma setgħetx tiġi mħarrka f'isimha stess għall-ħlas tad-dejn. L-uniku kontradittur leġittimu, bħala l-uniku debitur, kien ir-raġel;

Però, qabel ma ċ-ċitazzjoni ġiet notifikata, Joseph Debono miet. B'dan kollu però, il-kawża setgħet u messha tkompli kontra l-eredità tiegħu biss. Dan huwa każ fejn tapplika d-dottrina abbraċċjata fis-sentenza Vol. XXIX-II-690 ċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fil-bran mill-opera tal-Pothier riportat f'dik is-sentenza, fejn jingħad illi skond id-dottrina prevalenti r-raġel jew il-wirt tiegħu jibqa' azzjonabbli għall-"intier" tad-debitu, hu kontemplat il-każ ta' debitu kontratt mir-raġel. Skond il-Pothier, is-soluzzjoni hi diversa għar-rigward ta' debiti kontratti mill-mara f'isimha, għalkemm bil-kunsens tar-raġel, u għalkemm anki dawn jaqgħu fil-komunjoni. Fil-każ preżenti, kif intqal fuq, l-appellanti għamlet in-negozju in kwistjoni

bħala mandatarja ta' żewġha, kif irrikonoxxa hu stess, u għalhekk id-debitu mhux biss kien għak-kariku tal-komunjoni, iżda għandu jitqies daqs li kieku ġie kontratt minnu stess. Kif jgħid il-Laurent:— "Allorchè la moglie contratta siccome mandataria del marito, essa non si obbliga personalmente; invece è il mandante quegli che si obbliga. E' quindi il marito quegli che è debitore, ed in conseguenza il debito, come qualunque debito del marito, diventa debito della comunione, senza che il creditore abbia azione contro la moglia; perciocchè i debiti della comunione non sono debiti della moglie" (Vol. XXI, § 430). Fil-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni, ċertament, ikun hemm lok għall-aġġustament tar-rapporti nterni; iżda quddiem il-kredituri l-wirt tar-raġel hu debitur tal-intier;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Ma jistgħax ikun hemm dubju illi r-refriġerator in kwistjoni kellu difett. Dan ġie konstatat u ammess mill-mechanic li bagħat l-appellant, u kwindi għandu jitqies li d-difett irrikonoxxieh l-appellant stess. Del resto, dan kien difett li ma setgħax jiġi diskonoxxut; għaliex, non ostante li l-appellata, wara li d-difett beda jidher, segwiet id-direttivi li tawha tant l-appellant innifsu kemm l-espert tiegħu, id-difett baqa' xorta waħda. L-appellata ma kellha ebda obligu legali li tieħu refriġerator ġdid imsewwi jew taċċetta ieħor f'loku, ankorkè tal-istess marka;

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm għalfejn tiddiskuti jekk dan id-difett kienx jammonta għal vizzju redibitorju, u fil-każ li kien x'kienu jkunu l-konsegwenzi legali. Infatti, din il-Qorti taċċetta bħala fatt illi, wara li d-difett ġie konstatat mill-espert, l-appellant aċċetta li jieħu r-refriġerator lura. Veru li jidher li sar xi diskors fuq bdil tiegħu, iżda l-Qorti temmen id-depożizzjoni tal-appellata fis-sens illi l-aħħar diskors bejnha u l-appellant kien illi hu kellu jirtira r-refriġerator; u dan mhux biex jeżaminah jew biex jaġġustah, iżda biex jieħdu għal kollox peress illi l-appellata la riedditu msewwi u lanqas riedet ieħor tal-istess marka f'loku. Biss, l-appellant ma riedx jagħti minn idejgħ

bil-miktub li kien sejjer jieħu lura dak ir-refriġerator, u anqas ried jgħid meta kien sejjer jieħdu. Għalhekk, wara li għadda żmien raġjonevoli u l-appellant naqas li jirtiraħ kif kien wiegħed, l-appellanti (ċjoè żewġha) kienet ġustifikata li tiddepożitaħ fil-Qorti;

F'dan is-sens, il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi konfermata;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza wkoll kontra l-appellant.